MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 17/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta’ Gunju 2003, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal;
2. Illi l-partijiet taw il-kunsens taghhom ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlu dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghhom u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi hi taqbel li iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett minhabba ragunijiet li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni a tenur tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att taz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Illi hi m'ghandhiex tbaghti ebda spejjez stante li kien l-istess attur li ghalih hu imputabbli ir-responsabbilta u htija ghall-annullament;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;
4. Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:
Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur B u l-intimata C B tat-13 ta' Gunju 2003 jigi dikjarat

null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975. Min-naha taghha, l-intimata taqbel li z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null izda ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess attur.

**<u>Il-verzjoni tal-attur</u>**

L-attur jibda billi jghid li miz-zwieg tieghu mal-intimata ma twieldu ebda wlied. Hu jghid li ltaqa' mal-intimata permezz ta' hbieb komuni meta hu kellu 18 –il sena filwaqt li l-intimata kellha 19. Hu jghid li wahda mill-problemi li tfaccaw tul l-gherusija kien il-fatt li l-intimata kienet taghti importanza kbira lill-hbieb taz-zewg sessi, tant li kull nhar ta' Sibt kienet tqatta' minn nofs inhar sas-7.00pm ma' shabha. Dan kien hafna hin fil-kuntest tal-fatt li l-partijiet ma tantx kienu jqattghu hin flimkien wahedhom peress li kienu jiltaqghu ghand ommha (mit-Tnejn sal-Gimgha). L-attur izid jghid ukoll li s-sitwazzjoni kienet tiggrava fis-sajf ghaliex kienet tiltaqa' ma' dawn il-hbieb kull jum. Hu jghid ukoll li fiz-zwieg, din is-sitwazzjoni aggravat. Hu jghid li ttama li  s-sitwazzjoni ta' bejniethom tinbidel u jibdew iqattghu aktar hin flimkien ghaliex kien ihobbha u kien proprju ghalhekk li accetta din is-sitwazzjoni.

Hlief ghal din il-problema, jidher li l-gherusija taghhom ta' madwar sitt snin imxiet b'mod normali. L-attur jispjega li ghalkemm l-idea u l-hsieb taz-zwieg kien hemm, kien hu li ha l-inizzjattiva, tant li kieku kien ghall-istess intimata, kienu jizzewgu sena wara milli fil-fatt izzewgu. Jiddiskrivi l-ewwel sena zwieg bhala sena fejn l-intimata ma nbidlet xejn anzi kienet tahseb ghaliha biss. Il-hin ta' kwalita' bejniethom kompla naqas meta l-konvenuta dahlet taghmel kors l-universita'. Dan kellu effett ukoll fuq l-intimita' ta' bejniethom u jzid jghid li meta dan kien isehh, dejjem kienu juzaw protezzjoni biex ma tohrogx tqila. Hu jghid ukoll li t-tfal gew eskluzi b'mod awtomatiku minhabba l-istudji taghha u meta kien isemmilha s-suggett, kienet tghidlu li kellhom jahsbu ghat-tfal meta jkunu aktar *settled*.

L-attur jirrakkonta wkoll kif tul il-kors taghha ta' *social worker* saret taf b'guvni bi problema tad-droga. Ghalkemm

ghall-bidu anke l-attur ghin lil dan il-guvni, jghid li l-intimata spiccat biex anke kellha relazzjonijiet intimi ma' dan l-istess guvni u z-zwieg taghhom kompla tkisser. Mas-separazzjoni, l-intimata marret tghix ma' dan il-guvni. Jaf ukoll li l-intimata ghandha wild li twieled ftit taz-zmien wara li giet konkluza s-separazzjoni. Hu jaghlaq billi jghid li jirrealizza li ma kienx jaf lill-intimata bizzejjed meta zzewwigha filwaqt li hi ma kienitx preparata ghaz-zwieg u l-obbligi tieghu peress li kienet taghti wisq importanza lill-hbieb.

**Il-verzjoni tal-intimata**

L-intimata tibda billi tikkonferma l-mod ta' kif iltaqghet mal-attur u tghid ukoll li hu kien jghir ghaliha meta kien jaraha tiehu pjacir ma' shabha u tghid ukoll li kien possessiv tant li ghamel minn kollox biex jaqtaghha minn shabha. Tiddiskrivi lill-attur bhala ragel negattiv filwaqt li tghid li min-naha taghha taghtu kull sapport possibbli ghaliex dejjem hasbet fih qabel ma hasbet ghaliha nnifisha. L-intimata tghid li peress li ma kellhiex esperjenzi f'relazzjonijiet ohra qabel ma bdiet tohrog mal-attur, ma ndunatx li l-aspett possessiv tal-karattru tieghu mhux normali u ghalhekk ma rrealizzatx f'hiex kienet diehla. Hasbet li dan l-agir kien wiehed normali. Hi tirrakkonta episodju fejn wara li ltaqghet ma habib antik taghha, l-attur f'daqqa wahda qabdu minn ghonqu u mbuttah. Tghid ukoll li meta kienet tiltaqa' ma xi hadd tas-sess oppost, kien jaghmel xenata u kien anke jikkummeta fuq l-ilbies li tilbes, anke jekk ikun dicenti u mhux qasir.

L-intimata tghid li l-hbieb tal-attur kienu priorita' f'hajtu filwaqt li lilha prova jaqtalha kull zvog u attivita' taghha, inkluz l-ghawm. Tghid li kienet tinzel Marsaxlokk biex tghum u rarament kien ikun hemm shabha izda kienet titla' d-dar malajr qisu xi hadd kien qieghed jigri warajha u din is-sitwazzjoni baqghet l-istess kemm fiz-zmien tal-gherusija kif ukoll taz-zwieg. B'referenza ghal dak li jghid l-attur u l-hin li kienet tqatta' ma' shabha l-*pitch* l-intimata tghid li wara li kienet taghmel il-facendi, kienet tinzel il-*pitch* fejn kien ikun hemm ohtha u shabha u ma ddumx wisq, ghalkemm tinsisti li ma kienet qieghda taghmel xejn

hazin izda l-attur kien jaghmel kollox bi kbir u din l-ghuma taghha kien itihielha '***martirju***' fi kliemha stess. Ried li ma ssellem lil hadd u prova jbiddel il-karattru ferriehi u dhuli taghha ghal wiehed kompletament differenti, liema agir hija tiddiskrivi bhala abbuz psikologiku. Tghid ukoll li kien jintimidaha billi jghidilha li ghandu hbieb kullimkien u li kien ser ikun jaf kull pass li taghmel. Huwa f'dan il-kuntest li hija tghid li kienet giet intimidata u ipposeduta mill-attur ghaliex kien helu hafna biex jiskuza ruhu. Tghid ukolli li mat-tfajla li kellu qabel, kellu l-istess problema.

L-intimata tiddiskrevi lill-attur bhala ragel *money minded* hafna u li kien sahansitra jifthilha l-posta personali biex ikun jaf kollox fuqha filwaqt li hi qatt ma saret taf kemm kellu introjtu. Barra minn hekk tghid ukoll li l-attur kien jiekol glieda u jghid li ' ***contro tutti***' ghalkemm qatt ma refa' jdejh fuqha. Dan apparti l-fatt li kien ihobb jixrob tant li spicca kellu effetti negattivi relatati mal-irqad u *nightmares*. Hi tghid ukoll li ghalkemm tirrikonoxxi l-fatt li dejjem kellha ghazla, id-dominanza tieghu u l-fatt li kien anke jistenna li jkunu intimi flimkien (meta kien jaf li kienet tahsibha b'mod konservattiv u tal-knisja) gieghla tghidlu iva ghalkemm min-naha tieghu kien jiftahar fuq kemm kellu nisa u kemm ikollu tentazzjonijiet fuq ix-xoghol. L-atteggjament tieghu u l-aspett possessiv kompla jiggrava fiz-zwieg.

L-intimata tghid ukoll li l-idea taz-zwieg giet wara li hi ma accettax li jghixu flimkien (minhabba l-konvinzjoni morali) u kien ghalhekk li l-attur imbotta biex jizzewgu. L-intimata tghid li xtaqet tistenna biex tizzewweg ghaliex bejn xtaqet li jkunu aktar finanzjarjament sodi u bejn kellha xi dubji fuq certu *traits* tal-karattru tal-attur izda hu baqa' jinsisti ghaliex ma kienx kuntent id-dar u ghalhekk ried johrog mid-dar tal-genituri tieghu.

Fiz-zwieg tghid li l-attur kompla tella' d-dejn ghaliex kien jghid li l-kredituri setghu jistennew. Dwar il-facendi tad-dar u r-responsabbilitajiet relatati mal-istess, l-intimata tghid li kienet tghid lil zewgha li dawn kellhom jinqasmu bejniethom ghaliex hi m'hijiex ommu izda l-maggor parti tax-xoghol xorta wahda kienet taghmlu hi, ghalkemm

meta kien jiknes jew isajjar xi haga kien jiftahar hafna b'dan. Il-problema tax-xorb zdiedet ukoll kif zdiedet ir-responsabbilita' finanzjarja ghall-intimata peress li flusu kien iberbaqhom u hi kien ikollha thallas kull kont li jkun dovut apparti l-*loan* li kien hemm mal-bank.

Rigward it-tfal l-intimata tikkontradixxi dak li jghid l-attur meta tghid li qatt ma uzaw kontracettivi, anzi zzid tghid li l-attur kien jghid li aktarx ma jistax ikollu tfal. Barra minn hekk tghid ukoll li kien jippreferi jara *blue film* milli jkun maghha u fil-fatt kien jibghatha torqod. Dan l-agir ma kellux effett posittiv fuq il-hajja intima taghhom.

Hi tghid ukoll li ghalkemm ghamlet kors l-universita' bil-*go ahead* tieghu u ghalkemm man-nies kien jiftahar bil-marki li kienet iggib, id-dar kien igerger fuq li jgerger. Apparti minn hekk, l-intimata tghid li kuntrarjament ghal dak li jsostni l-attur, il-kors ma kienx wiehed ta' *social work* izda ta' *social studies* u li dan juri kemm verament ma kienx jaf fuq x'hiex tkellmu.

L-aspett possessiv tal-karattru tal-attur hekk kif deskritt mill-intimata johrog tul l-affidavit kollu tant li hija stess tghid li "***..films, muzika li jrid hu biss lanqas diska ma kien ihallini nisma fil-paci. Immorru fejn jghid hu meta jrid hu u kif irid hu, inkellem lil min irid hu u hrug mal-hbieb li jaf hu. Lanqas parties tax-xoghol tieghi qatt ma ried jihodni u wahdi ma stajtx immur minhabba problema ta' trasport lura, ara tax-xoghol tieghu kollha konna mmuruhom…***". L-intimata ma felhitx aktar meta imbaghad l-attur qallha li kien sar ihobb mara li kienet gennitu u li kienet ilha seba` snin tmur il-Posta tittantah u li gieli ltaqa' maghha fi *clubs* u *pubs*.

Taghlaq billi tghid li hija dejjem kellha intenzjonijiet tajba ghal dan iz-zwieg izda l-unika zball li sar da parti taghha kien il-fatt li emmnet li l-attur seta' jinbidel u ghalhekk f'dan il-kuntest kienet *naïve*. Tghid li qabel iz-zwieg kellha suspett li l-attur ma kienx lest ghaz-zwieg ghax kienet tarah immatur imma tefghet dawn il-hsibijiet taħt it-tapit probabbilment ghax ma kellhiex ma min tiftah qalbha. Kien fiz-zwieg li hi rrealizzat li l-attur "***egoist, rejb,***

***giddieb u possessiv, spendthrift kbir u ma kellu l-ebda mhabba lejja, hlief biex jiehu biss materjalment u fizikament minni***".

**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"*.*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma***

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, iz-zewg partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaslu ghal decizjoni valida u dan anke in vista tal-fatt li l-intimata (u dan b'referenza specifika ghall-episodju fejn l-attur hebb ghal dak il-guvni u hu stess jikkonferma in kontro-ezami) missha rrealizzat li l-attur kien ragel ghajjur u possessiv u li ma kienx ser jinbidel. L-ghira u l-apsett possessiv m'humiex elementi li necessarjament iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-artikolu pero'  il-qorti thoss li l-fatt li l-intimata ma rrealizzatx dan jew ahjar, tant kienet dominat minnu li ma gharfitx li kien hemm triq ohra iwassal lill-qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li l-intimata ma kellhiex dik id-diskrezzjoni necessarja fil-mument propizju. L-istess jinghad ghall-attur li min-naha tieghu (u dan kif gie ampjament pruvat) ried li jiddomina fuq martu u mhux johloq familja u diskussjoni maghha. Il-fatt li baqa' jrid kollox kif u meta jrid hu u l-fatt li baqa' jzid id-dejn minghajr ma jimpurtah fuq x'effett dan kollu kien ser ikollu fuq martu u fuq iz-zwieg juri li l-istess attur ma kellux dik il-maturita' rikjesta ghaz-zwieg.

Mill-provi jirrizulta car li l-partijiet donnhom qatt ma rnexxilhom jistabbilixxu dik l-ghaqda jew il-*community of love* necessarja ghaliex ghal ragunijiet varji baqghu jghixu hajja kompletament separata. Iz-zewg partijiet jitfghu it-tort ta' dan fuq il-parti l-ohra pero' il-qorti tirrileva li jidher car li z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom u l-

kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq. Dan jidher car anke mill-fatt li l-attur stess jghid li "***t-tnejn li ahna konna qed nghixu l-hajja separata taghna***" b'dan illi min-naha tieghu l-attur kien jonfoq kollox filwaqt li l-intimata kellha terfa' kull responsabbilita' wahedha tant li tistqarr li fiz-zwieg ma kellhiex sieheb.

**<u>Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-qorti tirrileva, li ghalkemm il-partijiet jaghtu x-xiehda taghhom fid-dettal, hadt minnhom ma jaghti dettalji fuq il-

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

gurnata taz-zwieg. Hadt minnhom ma jghid x'kienu c-cirkustanzi fil-mument propizju tal-kunsens ghalkemm isemmu hafna episodji u cirkustanzi li jistghu iwasslu lill-qorti ghal dan. Pero' il-qorti tirrileva li mill-istess xhieda tal-partijiet m'hemmx prova konkreta dwar xi forma ta' simulazzjoni bejn il-partijiet. Ghalkemm kif diga' inghad aktar 'il fuq, jidher car li l-partijiet ma kellhomx dik id-diskrezzjoni necessarja, m'hemm ebda prova ta' simulazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------